# L-Eżerċizzju tajjeb għal saħħtek



"***Il-fidi mis-smigħ u mis-smigħ tal-Kelma t'Alla***". F'dan iż-żmien prezzjuż tar-Randan Imqaddes, il-Kelma t'Alla tixxandar bl-abbundanza waqt l-Eżerċizzi tar-Randan. Dawn il-priedki li jsiru f'kull parroċċa u xi drabi għal diversi kategoriji għad fadlilhom importanza fil-ħajja spiritwali tant li ħafna niex iħallu kollox biex jattendu għalihom.

Minkejja li l-ħajja mgħaġġla u m'għadx fadlilna ħin għalina nfusna, is-sejħa għall-Eżerċizzi mhix għajr waqfa mir-rutina mgħaġġla ta' kuljum biex nidħlu fina nfusna, niltaqgħu ma' Kristu u nikkonvertu.

Eżerċizzju fiżiku kuljum jagħmel ġid lis-saħħa tal-bniedem. L-Eżerċizzi spiritwali huma ta' ġid u saħħa spiritwali għar-ruħ.

Tikkuntentawx ruħkom b'korsijiet ta' eżerċizzi fuq ir-radju u t-televiżjoni. Dawn għandhom skop għal min ma jistax jasal fil-Knisja. Imma għalik ser ikun hemm post!!

*Mons Karm Refalo, Arċipriet Xagħra*

## Jistgħu jinteressawk:

**Nofs ta' nhar spiritwalità għas-saċerdoti**:
Is-Sibt 23 ta' Frar (Ċentru Ragħaj it-Tajjeb 8.30am)

## It-Talba tal-ġimgħa



***O ragħaj divin, inroddulek ħajr li tibgħat rgħajja lill-poplu tiegħek. Żomm idejk fuq l-Isqof tagħna biex ikompli jgħinna "inkunu ħbieb ta' l-Evanġelju".***




It-Tieni Ħadd tar-Randan tas-Sena Ċ - Id-39 Sena (2030) - 17 ta' Frar 2008

# Qumu, tibżgħux!



**Mill-Evangelju ta' San Mattew. Mt. 17, 1-9.**
Ġesu ħa miegħu 'l Pietru, u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni weħidhom,tellagħhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx, u lbiesu sar abjad bħad-dawl. U dehrulhom Mose u Elija jitħaddtu miegħu. QabeżPietru u qal lil Ġesu': "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid, intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mose' u waħda għal Elija." Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom, u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fiħ sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu." Id-dixxipli kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin bil-biża'. Ġesu resaq lejhom messhom u qalilhom: "Qumu, tibzgħux." Huma refgħu għajnejhom u ma' raw 'il ħadd ħlief 'il Ġesu waħdu.

**RIFLESSJONI:**

* Il-bidla li seħħet fi Kristu fuq il-muntanja, hija il-bidla li għad isseħħ fina bil-ħajja mmortali.
- Il-ħajja tagħna hija pellegrinaġġ lejn il-għolja fejn naraw is-sebħ ta' Alla għal dejjem.
- Biex naslu għal dan is-sebħ jeħtieġ li kuljum "nisimgħu Lilu" jkellimna u jurina x'irid minna.
- Iktar ma' nidħlu f'intimita' ma' Ġesu', iktar tikber ix-xewqa tagħna li nibqgħu miegħu bħalma għamel Pietru.
- Fil-laqgħat tagħna ma' Gesu' fil-kelma tiegħu u fl-Ewkarsitija nġarrab dawk l-istess sentimenti li kellu Pietru fuq il-Muntanja ?
- "Kemm hu sew li nibqgħu hawn". F'liema sitwazzjoni tixtieq tibqa'? Ferħan fil-grazzja ta' Alla, jew…?

**TALBA:**
Mulej Ġesu' illum nixtieq ngħidlek mas-Salmista: "jiena nfittex lil wiċċek Mulej, la taħbix wiċċek minni" ħalli ħajti tkun dejjem fid-dawl tas-sebħ tiegħek u ma' nkun nixtieq l-ebda ħaġa oħra.